# L-Arċisqof Pietru Pace

Tagħrif miġbur minn **Keith Muscat**

Monsinjur Pietru Pace, twieled ir-Rabat, Għawdex, nhar id-9 ta' April 1831. Għamel l-istudji tiegħu f'Ruma u kien ordnat saċerdot fl-1854. Wara li rritorna Malta kien nomina Professur ta' l-Iskrittura fis-Seminarju ta' l-Arċisqof u fl-1862 kien nominat Kanonku tal-Kapitlu tal-Katidral.

F'Diċembru 1864 kien nominat l-ewwel Vigarju Ġenerali tad-Djoċesi ta' Għawdex, li kienet għadha kif twaqqfet, fejn dam sal-1869. Fl-1870 u 1875 ikkontesta, bla suċċess, l-elezzjonijiet għall-Kunsill tal-Gvern. F'April 1876 kien nominat Professus tat-Teoloġija, fl-Università u fi Frar 1877 inħatar bħala Isqof ta' Għawdex, fejn dam imexxi d-Djoċesi għall-tnax-il sena. Il-konsagrazzjoni episkopali saret f'Ruma.

Fi Frar 1889, fuq rakkomandazzjoni tal-Gvern Ingliż, inħatar Isqof ta' Malta, bit-ttlu ta' Arċisqof ta' Rodi.

Kien propju dan l-Arċisqof li fid-9 ta' April 1905 ħareġ ittra li biha waqqaf lil San Pawl il-Baħar bħala parroċċa. Din kienet it-tieni parroċċa f'idejn ir-reliġjużi f'Malta. L-ittra ta' l-Arċisqof Pace tinsab fil-Mużew tal-Parroċċa.

L-Arċisqof Pace miet f'Lulju 1914 u jinsab midfun fil-Katidral ta' Għawdex.


Angelo Fenech

PETROL STATION

*Oils,*
*Spare Parts, etc*

Mosta Road, St. Paul's Bay • Tel: 21 571918